MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1832/2003

**Ghaqda Melita Banda San Guzepp**

**Vs**

**Mario Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Ghaqda attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti rifuzjoni tad-deposit imhallsa mill-Ghaqda attrici lill-konvenut ghax-xoghol ta’ l-injam fuq bieb u tieqa li gie kkummissjonat lilu, liema xoghol ma sarx.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li s-somma mhix dovuta billi in vista ta’ l-Artikolu 1640(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta s-socjeta’ attrici hija sprovvista minn raguni valida sabiex tittermina l-kuntratt ta’ appalt bejn il-kontendenti u ghaddiet biex ipprezentat Kontro-Talba ghal hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti danni sofferti mill-attur (ghandu jaqra konvenut) minhabba

xoljiment tal-kuntratt ta’ l-appalt bejn il-kontendenti min-naha tas-socjeta’ attrici minghajr raguni valida dettata mil-ligi.

Ra r-Risposta ta’ l-Ghaqda attrici ghall-Kontro-Talba li eccepew li t-talba rikonvenzjonali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda billi l-attur rikonvenzjonali ttermina l-kuntratt ta’ l-appalt in kwistjoni ghal raguni valida fil-ligi u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Sema’ x-xhieda ta’ Noel Mallia, Raymond Azzopardi, Vincent Azzopardi, Mario Galea u Nazzareno Galea.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Anthony Galea ghall-Ghaqda attrici u Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-Ghaqda attrici riedet taghmel xoghlijiet ta’ l-injam fil-kazin u fil-bidu t’Ottubru 2002 ftiehmet mal-konvenut li huwa jaghmel bieb u tieqa versu l-konsiderazzjoni ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) ghall-bieb u mitejn lira Maltin (Lm200) ghat-tieqa, total ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700). Minn din is-somma l-Ghaqda attrici hallset mitejn lira Maltin (Lm200).

Madwar tlett gimghat wara l-konvenut beda jixtri xi njam u anki l-Ghaqda attrici riedet li dan il-bieb u tieqa jkunu lesti sa 2003 meta kien imiss li ssir il-festa taghhom izda huma jsostnu li ghall-bidu nkarigaw lill-konvenut sabiex ilesti x-xoghlijiet sa Jannar. Il-konvenut jichad li kien hemm zmien pattwit bejn il-partijiet izda r-rapprezentanti ta’ l-Ghaqda attrici li kienu jmorru jkellmu lill-konvenut jinsistu illi huma kienu jhegguh sabiex ilesti x-xoghol u r-risposta tal-konvenut kienet tkun li huwa kien qed jaghmel li jista’.

L-Ghaqda attrici mbaghad tghid li meta l-konvenut ma lesta xejn sa Jannar, tawh *deadline* sa Marzu u meta raw li dan id-*deadline* wasal u x-xoghol ma kienx lest baghtu

ghall-konvenut ghal seduta quddiem il-Kumitat biex jikkonferma jekk kienx jista’ jaccerta li x-xoghol ikun lest sa Gunju. Tawh gimgha zmien biex jahsibha u jirrizulta li l-konvenut baghat risposta fejn qal illi huwa ma kienx jista’ jlesti x-xoghlijiet kollha sa l-ahhar ta’ Gunju izda kien jista’ jlesti biss it-tieqa u mhux il-bieb.

L-Ghaqda attrici ma accettatx li tircievi biss it-tieqa billi deherilha illi min jaghmel it-tieqa ghandu jaghmel il-bieb u ghalhekk irrifjutat din l-offerta u temmet l-appalt u talbet ir-rifuzjoni tal-mitejn lira Maltin (Lm200) li kienet hallset fil-bidu.

Illi ghalhekk il-konvenut imbaghad talab li jigi kkumpensat ghall-ispejjez li nefaq u t-telf ta’ qligh konsistenti fil-Kontro-Talba tieghu.

A bazi tas-suespost jirrizulta illi skond id-dispozizzjonijiet li jirregolaw l-appalt, l-appaltatur jista’ jittermina l-appalt kif u meta jrid izda jekk ma jkollux raguni valida biex jaghmel hekk, ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi. Din ma kienetx obbligazzjoni pattwita bejn il-partijiet li tista’ tigi effettwata fid-diskrezzjoni tal-konvenut. Certament l-Ghaqda attrici ppretendiet illi l-inkarigu moghti jigi ezegwit fi zmien ftit xhur u anki jekk ghall-grazzja ta’ l-argument jigi accettat illi ma kienx hemm zmien specifiku pattwit bejn il-partijiet, it-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi kif zviluppaw bejn il-partijiet, wiehed kien jistenna illi x-xoghol ordnat jitlesta fi zmien ragunevoli.

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi jekk mill-bidu t’Ottubru sa l-ahhar ta’ Gunju, jigifieri f’medda ta’ disa’ xhur, kienx zmien ragunevoli li wiehed jistenna li xoghol ta’ tieqa u bieb tal-kewba jkunux lesti.

It-Tribunal jidhirlu illi perjodu simili huwa ferm minn sufficjenti sabiex isir xoghol ta’ bieb u tieqa. Huwa minnu li l-Ghaqda attrici kienet taf li l-konvenut jahdem fuq bazi ta’ part-time izda jirrizulta wkoll illi l-konvenut dam tlett gimghat biex mar jixtri xi njam u inoltre, ghalkemm jidher li huwa qata’ l-injam, wara li ghamel hekk m’ghamel assolutament xejn hlief wara li l-Kumitat ta’ l-Ghaqda

attrici bdiet tinsisti fuq it-tlestija tax-xoghol u minn hemm il-konvenut imbaghad, f'Jannar 2003, xtara iktar materjal biex almenu jkun jista' jlesti t-tieqa. Biex lesta din it-tieqa huwa ha iktar minn tlett xhur, sal-bidu ta' Mejju 2003 u cjoe' wara li gie tterminat l-appalt, dina ma kienetx kompletament lesta, kif jidher mill-ittra daqsxejn sibillina esebita a fol 21 tal-process fejn it-tieqa hija deskritta bhala <u>teknikament</u> lesta u tista' titwahhal f'hin qasir. It-Tribunal jidhirlu li din il-frazi tfisser illi ma kienetx <u>kompletament</u> lesta.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-Ghaqda attrici kellha raguni valida fil-ligi sabiex tittermina l-appalt billi l-konvenut dam oltre z-zmien li wiehed kien jippretendi li jitlestew xoghlijiet simili. Il-konvenut kien jaf li l-Ghaqda attrici qieghda tinsisti fuq it-tlestija tax-xoghlijiet u kienu jhegguh biex jaghmel ix-xoghol izda hu kien ipprova jahrab mid-*deadline* billi semplicement jghidilhom li ser jaghmel li jista'. Meta wiehed jghid li jaghmel li jista' jfisser li effettivament irid jaghmel xi haga u mhux ma jaghmel xejn jew ftit li xejn. Minn mastrudaxxa professjonali u tas-sengha li jaghmel ix-xoghol tieghu b'certu responsabbilta', wiehed kien jippretendi li x-xoghol isir b'mod regolari u responsabbli – anki jekk dan isir fuq bazi part-time.

Fil-kaz odjern jirrizulta illi dan ma sarx u ghalhekk il-konvenut ghandu jbati l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu nnifsu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-Ghaqda attrici kienet gustifikata li tittermina l-appalt u konsegwentement, filwaqt li jichad il-Kontro-Talba tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Ghaqda attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) bl-ispejjez kemm tat-Talba kif ukoll tal-Kontro-Talba. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------